MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 281/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**PAUL GAUCI BORDA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Gauci Borda ta’ 19- il sena, bin Paul u Rita nee’ Fenech, mwieled Pieta’ nhar il- 15 ta’ Ottubru 1992, residenti St. John’s Flats, Flat 3, Triq il- Kottoner, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 481492M;

Talli ;
1) nhar it- 30 ta’ Jannar 2012 u x- xhur ta qabel din id- data, b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

2) talli fil- Victory Pharmacy, Triq il- Vitorja, Senglea ikkommettiet serq ta' oggetti liema serq, li sar ghad-detriment ta' Nadia Falzon mill- Fgura u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil- valur li jammonta ghal aktar minn €116.57 imma mhux aktar minn €2329.37;
3) talli fil- Brown Pharmacy ta' Triq San Pawl Naxxar, ikkommetta serq ta' oggetti liema serq li sar ghad-detriment ta' Glorianne Camilleri u Alexander Fenech u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil- valur li jammonta ghal aktar minn €116.57 izda mhux aktar minn €2329.37;
4) aktar talli sar recidiv b' diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati moghtija lilu skont l- Artikoli 49, 50 u 289.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------